Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 13,736, 30 ta' Mejju, 1980
Taqsima A

MALTA

ATT Nru. XVII ta' l-1980

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.

ACT No. XVII of 1980

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

AN ACT further to amend the Code of Police Laws, Cap. 13.

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) ANTON BUTTIGIEG
President

30 ta' Mejju, 1980

ATT Nru. XVII ta' l-1980

ATT biex ikompli jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13.

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità ta' l-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:—

Titolu fil-qosor.

1. Dan l-Att jista' jissejjaħ l-Att ta' l-1980 li jemenda l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, u għandu jinqara u jiftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-liġi prinċipali".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 188 tal-liġi prinċipali.

2. Minflok l-artikolu 188 tal-liġi prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"Liċenza tal-kaċċa.

188. (1) L-użu ta' xkubetti u armi oħra tan-nar għall-kaċċa hu permess iżda biss kif provdut fid-disposizzjonijiet li ġejjin ta' din it-Taqsima.

(2) Ebda persuna ma għandha ddur għall-kaċċa b'xi xkubetta jew arma oħra tan-nar mingħajr liċenza valida mill-Pulizija.

(3) Liċenza maħruġa taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu ma tkunx valida:

(a) dwar kull kaċċa, f'kull ħin bejn sagħtejn wara nżul ix-xemx ta' jum u sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx tal-jum ta' wara;

(b) dwar fniek selvaġġi, f'kull żmien bejn l-1 ta' Jannar u l-31 ta' Mejju ta' kull sena;

(ċ) dwar agħsafar, f'kull żmien bejn it-22 ta' Mejju u l-31 ta' Awissu ta' kull sena, u

(d) matul dawk il-perijodi l-oħra li jiġu speċifikati fil-liċenza.".

Emenda ta' l-artikolu 190 tal-liġi prinċipali.

3. Fl-artikolu 190 tal-liġi prinċipali minflok il-kliem "bejn it-tlugħ u l-inżul tax-xemx" għandhom jidħlu l-kliem "bejn sagħtejn qabel tlugħ ix-xemx u sagħtejn wara nżul ix-xemx".

Sostituzzjoni ta' l-artikolu 194 tal-liġi prinċipali.

4. Minflok l-artikolu 194 tal-liġi prinċipali għandu jidħol l-artikolu ġdid li ġej:

"194. Ebda persuna li tkun qed iddur għall-kaċċa ma għandha tispara arma tan-nar —

(1) minn fuq il-baħar, sa tliet kilometri 'l bogħod minn xi xtajta;

(2) sa mitejn metru minn kull post abitat jew ħamsin metru minn xi triq li tkun użata jew li tkun tista' tintuża minn xi vettura bil-mutur, barra minn sqaq jew trejqa minuri fil-kampanja li l-għan ewlieni tagħha jkun biex twassal għall-eġħlieqi.".

Żieda ta' artikoli ġodda 194A u 194B mal-liġi prinċipali.

5. Minnufih wara l-artikolu 194 tal-liġi prinċipali għandhom jiżdiedu l-artikoli ġodda li ġejjin:

"Liċenza ta' l-ibbalzmar.

"194A. (1) Ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' *taxidermist* mingħajr liċenza tal-Pulizija.

(2) Liċenza mogħtija taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Pulizija jidhrilha xierqa, u kull detentur ta' liċenza li jikser xi waħda minn dawk il-kondizzjonijiet jitqies li qed jagħmilha ta' *taxidermist* mingħajr liċenza.

(3) Kull persuna misjuba ħatja ta' krudeltà ma' l-annimali skond xi liġi, ma tkunx tista' tikseb liċenza taħt dan l-artikolu għal perijodu ta' ħames snin.

Liċenza ta' *bird-ringer*.

194B. (1) Ebda persuna ma tista' tagħmilha ta' *bird-ringer* mingħajr liċenza tal-Pulizija.

(2) Liċenza mogħtija taħt is-subartikolu (1) ta' dan l-artikolu tista' tkun suġġetta għal dawk il-kondizzjonijiet li l-Pulizija jidhrilha xierqa, u kull detentur ta' liċenza li jikser xi waħda minn dawk il-kondizzjonijiet jitqies li qed jagħmilha ta' *bird-ringer* mingħajr liċenza.".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru. 393 tas-26 ta' Mejju, 1980.

C. AGIUS
Speaker

C. MIFSUD
Skrivan tal-Kamra tad-Deputati